**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 23 - L-ERBGĦA 20 TA' JANNAR 2020**

## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' Zoom Meetings fis-18:04.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier (ingħaqad fis-18:12) |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1. Is-SE informa li ma kellux ittri ta' apoloġija.

**2. MOZZJONI DWAR L-ISTRATEĠIJA SLOW STREETS**

2.1. Is-Sindku introduċiet il-laqgħa fejn qalet li l-iskop huwa biex il-Kunsill japprova d-dokument dwar l-istrateġija slow streets li jaħseb għal trasport sostenibbli.

2.2. Semmiet fl-importanza li r-resident jiġi l-ewwel u dak li jsir irid ikun verament ta' ġid għar-residenti. Imbagħad għaddiet biex taqra l-mozzjoni. Il-mozzjoni ssekondaha l-Kunsillier Brincat.

2.3. Wara, s-Sindku staqsiet lill-Kunsillieri jekk jaqblux jew le. Il-Viċi Sindku semma li jaqbel iżda ried jiċċara li jekk eventwalment ikunu meħtieġa xi tibdil ikunu jistgħu isiru. Is-Sindku semmiet li dan huwa ċar fuq il-mozzjoni.

2.4. Il-Kunsillier Deguara wkoll semma l-istess bħall-Viċi Sindku filwaqt li s-Sindku talbet biex jekk ma jkun hemm xejn ġdid xi jsemmu, ma jirrepetux dak li diġà indikat ċar fil-mozzjoni.

2.5. Il-Kunsillieri kollha preżenti ddikjaraw li jaqblu mingħajr ma ppreżentaw kummenti.

2.6. Hekk kif kull Kunsillier iddikjara l-vot tiegħu, is-SE informa li l-Kunsillier Spiteri ingħaqad mal-laqgħa.

2.7. Il-Kunsillier Spiteri informa li kien ilu jipprova jaqbad sa minn qabel il-ħin tal-laqgħa iżda għal xi raġuni ma rnexxilux. Is-SE ikkonferma li l-Kunsillier Spiteri kien qiegħed jikkuntattjah permezz ta' Whatsapp u jinfurmah li qed jipprova jaqbad.

2.8. Is-Sindku talbet il-vot tal-Kunsillier Spiteri.

2.9. Il-Kunsillier Spiteri ddikjara li kien qed jivvota kontra minħabba li ma jaqbilx mat-tibdil ta' rotot għaliex iħoss li dan se joħloq aktar inkonvenjent milli benefiċċju għar-residenti għaliex se jkollhom jużaw aktar it-toroq sekondarji.

2.10. Huwa pprova jidħol aktar fid-dettall iżda s-Sindku talbitu li ma jagħtix dettalji li jiżgwidaw lill-pubbliku għaliex id-dokument huwa voluminuż u mhux ġust li l-pubbliku jkun jaf parti żgħira biss meta hemm paġni sħaħ x'wieħed janalizza. Is-Sindku insistiet li finalment, qabel ma jiġu implimentati miżuri l-pubbliku se jkun infurmat u kkonsultat.

2.11. Il-Kunsillier Spiteri esprima li jħoss li hemm soluzzjonijiet oħra minflok tibdil ta' direzzjonijiet u ppropona li tiġi studjata l-possibiltà ta' mina minn taħt il-pjazza.

2.12. Il-mozzjoni għalhekk għaddiet bi tmien voti favur u wieħed kontra. Kopja tar-riżoluzzjoni annessa f'A.

## 3. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

3.1. Il-Laqgħa ntemmet fis-18:30.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |

**<u>Riżoluzzjoni dwar l-istrateġija Slow Streets</u>**

**Imressqa u approvata waqt laqgħa b'urġenza msejħa fl-20 ta' Jannar 2021.**

**Proponent: Is-Sindku, Anne Marie Muscat Fenech Adami**

**Sekondant: Il-Kunsillier Marlon Brincat**

Permezz tal-Pjan ta' Ħidma tiegħu il-Kunsill qiegħed jirrikonoxxi li:

> *"l-ammont ta' traffiku li għandna fiċ-Ċentru tan-Naxxar huwa pre-okkupanti u qiegħed jaffettwa l-ħajja tar-residenti b'mod negattiv."*

Jemmen illi:

> *"It-traffiku li m'għandux għalfejn jidħol fin-Naxxar għandu jkun skoraġġit."*

Kommess illi:

> *"jaħdem biex ikun hemm aktar trasport sostenibbli billi jħeġġeġ l-użu tar-roti u vetturi elettriċi."*
>
> U li
>
> *"Jipprovdi ambjent u kwalità ta' ħajja aħjar."*

Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, u għaliex il-Kunsill Lokali jemmen li r-resident għandu jiġi l-ewwel, qiegħed japprova l-istrateġija ***Slow Streets*** kif dokumentata fid-dokument imressaq lill-Kunsill bid-data Diċembru 2020 u li sar bil-kollaborazzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsill qed japprova wkoll l-implimentazzjoni tal-proposti skont id-dokument, flimkien ma' proposti oħra li jistgħu jkunu applikabbli għal zoni oħra fin-Naxxar skont kif ikun meħtieġ.

Il-proċess tal-implimentazzjoni għandu jkun b'mod gradwali u jsir dejjem f'taħdidiet mal-entitajiet u l-awtoritajiet konċernati.

Il-Kunsill Lokali jaċċerta li l-impatt ġenerali tal-implimentazzjoni fuq ir-residenti jkun l-aktar pożittiv possibli u skont l-għanijiet imsemmija fuq u allura, sabiex isir dan, il-Kunsill iwettaq kampanji edukattivi u promozzjoni favur din l-istrateġija.

Dawk l-inizjattivi li l-aktar jistgħu jħallu impatt fuq ir-residenti għandhom ikunu ppruvati minn qabel sabiex il-Kunsill inkunu jista' jevalwa r-riżultati u jaġġusta, jew ireġġa lura skont il-ħtieġa.

Id-dokument ***Slow Streets*** ikun sottomess mal-applikazzjoni fl-iskema dwar l-aċċessibilità u mobilità bil-għan li jkollu l-finanzjament meħtieġa biex titwettaq din l-istrateġija.